DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tas-17 ta' Frar 2015

li taħtar il-President tal-Bord Konsultattiv Ewropew għall-Governanza tal-Istatistika

(2015/C 70/04)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni Nru 235/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2008 li tistabbilixxi Bord Konsultattiv Ewropew għall-Governanza tal-Istatistika [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 3 tagħha,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew,

Billi:

(1) Fl-24 ta' Jannar 2012, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2012/42/UE [2] li taħtar lis-Sur Thomas WIESER bħala l-President tal-Bord Konsultattiv Ewropew għall-Governanza tal-Istatistika għal perijodu ta' tliet snin mit-23 ta' Marzu 2012.

(2) Huwa għalhekk meħtieġ li jinħatar President ġdid sabiex jassumi l-funzjoni meta jiskadi l-mandat li beda fit-23 ta' Marzu 2012. Sabiex jiġu armonizzati l-mandati tal-membri kollha tal-Bord il-ġdid, il-mandat tal-President il-ġdid għandu jibdafl-1 ta' Frar 2015.

(3) L-Artikolu 3(3) tad-Deċiżjoni Nru 235/2008/KE jipprovdi li l-President ma għandux ikun membru attwali ta' uffiċċju nazzjonali tal-istatistika jew tal-Kummissjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Is-Sur Martti HETEMÄKI huwa b'dan maħtur President tal-Bord Konsultattiv Ewropew għall-Governanza tal-Istatistika għal perijodu ta' tliet snin mill-1 ta' Frar 2015.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Frar 2015.

Għall-Kunsill

Il-President

J. REIRS

[1] ĠU L 73, 15.3.2008, p. 17.

[2] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/42/UE tal-24 ta' Jannar 2012 li taħtar il-President tal-Bord Konsultattiv Ewropew għall-Governanza tal-Istatistika (ĠU L 24, 27.1.2012, p. 11).